

# IL-MONAKELL

Il-Monakell huma agħsafar tal-plajja jew tax-xtut (**waders**). Dawn jinstabu l-aktar fejn ikun hemm l-ilma bħal fir-Riserva Naturali ta' l-Għadira, is-Salina u anke fil-bajjiet u x-xtut ta' madwar il-kosta. Karatteristika tagħhom hija s-sinjal fuq ir-rix li jidher meta jtiru. Anke l-għajta tagħhom hija mportanti biex jingħarfu minn xulxin. Saqajn dawn l-agħsafar huma kemmxejn twal biex ikunu jistgħu jimxu fit-tajn u fix-xifer ta' l-għadajjar sabiex ifittxu l-ikel. Dan l-ikel jikkonsisti f'dud, ħniex żgħar, bebbux u arzell żgħar li jsibu qalb it-tajn jew max-xifer ta' l-ilma. Dawn l-agħsafar ibejtu f'diversi partijiet ta' l-Ewropa, iżda f'Malta niltaqgħu magħhom fl-istaġuni tal-passa. Xi ftit jidhru wkoll fix-xitwa u fis-sajf.

Fost il-monakell li niltaqgħu magħhom f'dawn il-gżejjer nsibu l-Monakella (**Little Ringed Plover**), il-Monakella Prima (**Ringed Plover**) u l-Monakella ta' Saqajha Suwed (**Kentish Plover**) li jixxiebħu xi ftit ma' xulxin.

IL-MONAKELLA (*Charadrius dubius*)
Fir-rebbiegħa, il-Monakella tpassi mill-bidu ta' Marzu sa l-aħħar ta' Mejju u fil-ħarifa niltaqgħu magħha bejn l-aħħar ta' Lulju sal-bidu ta' Novembru. Xi kultant ipassu fi qtajjiet ta' xi tletin-il waħda. Il-Monakella hija twila 15cm u tixbaħ ħafna lill-Monakella Prima, iżda hija iżgħar minnha. Minn fuq, il-Monakella hija kannella ċar. Minn taħt hija bajda silġ. Hija għandha dawra bajda f'forma ta' kullar u faxx abjad fuq ir-ras minn quddiem. Madwar sidirha għandha ħannieqa sewda li tidjieq għal wara l-għonq. Il-parti ta' quddiem tar-ras hija bajda minbarra dabra sewda madwar u taħt l-għajn b'faxx iswed irqiq minn quddiem. Il-Monakella Prima wkoll għandha dan il-faxx, iżda l-Monakella għandha faxx ieħor abjad fuq dan.

Is-saqajn huma sofor ċari, u mhux oranġjo bħal tal-Monakella Prima, iżda xorta waħda dawn jistgħu jidhru suwed meta jkunu mċappsa bit-tajn. Il-munqar tal-Monakella huwa iswed u mill-viċin wieħed jista' jinnota ċirku isfar madwar l-għajnejn.

IL-MONAKELLA PRIMA (*Charadrius hiaticula*)
Il-Monakella Prima hija twila 18cm, ftit aktar mill-Monakella. Għalkemm imbaċċa hija għasfur fuq ruħu. Is-saqajn oranġjo tal-Monakella Prima jgħinu biex din tingħaraf mill-Monakella, iżda wieħed irid joqgħod attent għax kultant dawn jidhru suwed meta jkunu mċappsa bit-tajn. Karatteristika oħra tal-Monakella Prima hija l-faxx abjad irqiq li din għandha fuq il-ġwienaħ, li jidher jispikka meta din ittir b'titjira mgħaġġla. Id-dahar huwa kannella u wkoll għandha faxx wiesgħa iswed minn naħa sa naħa tas-sider, b'kullar abjad. Wiċċha huwa wkoll abjad iżda għandha faxxa sewda fuq l-għajnejn.





*Monakella*

Il-munqar hu oranġjo bil-ponta sewda. It-truf tad-denb huma bojod. Il-Monakella Prima tiġri ħafna fuq it-tajn u tieqaf għal xi waqtiet biex issib l-ikel. Infatti hija karatteristika ta' dan l-għasfur li jiġri ġirjiet żgħar, b'waqfiet kultant meta jitbaxxa biex jiġbor l-ikel. L-għajta tagħha hija wkoll differenti minn tal-Monakella.

Fir-rebbiegħa tpassi minn nofs Marzu sa nofs Ġunju u fil-ħarifa tpassi minn nofs Lulju sa l-aħħar ta' Novembru. Din mhix komuni daqs il-Monakella u l-aktar li tħobb tpassi f'waħdiet jew fi qtajja' żgħar.

IL-MONAKELLA TA' SAQAJHA SUWED (*Charadrius alexandrinus*)
L-aktar Monakella skarsa u li tidher f'numru żgħir hija l-Monakella ta' Saqajha Suwed. Din hija twila 16cm u tixbaħ ukoll lill-Monakella, iżda m'għandhiex il-ħannieqa madwar sidirha; minflok, għandha forma ta' dbabar żgħar suwed fuq kull naħa tas-sider. Minbarra hekk, il-faxx iswed li jgħatti l-għajnejn huwa idjaq. Hi għandha dabra sewda fil-ġnub ħdejn l-ispalel tal-ġwienaħ. Il-munqar u s-saqajn huma suwed. Minn fuq hija aktar ċara mill-Monakelli l-oħra, u bħall-Monakella Prima għandha faxx irqiq abjad fuq kull ġewnaħ min-naħa ta' fuq. Il-ġirja hi aktar mgħaġġla minn tal-Monakella Prima.

Il-ġnub tad-denb huma bojod filwaqt li tal-Monakelli l-oħra huma xi ftit aktar skuri. Din il-Monakella ta' saqajha Suwed hija inqas imbaċċa mill-Monakelli l-oħra. Fi żmien il-bejta ras ir-raġel tkun kannella fl-aħmar. L-għajta hija differenti minn ta' l-oħrajn.

Din tpassi minn Marzu sa Mejju u mill-aħħar ta' Lulju sa nofs Ottubru. Il-Monakella ta' Saqajha Suwed għandha mnejn tbejjet f'Malta peress li hi għasfur li nsibuh ibejjet fil-pajjiżi kollha ta' madwar il-Mediterran. Ir-Riserva Naturali ta' l-Għadira hi post idejali għal dan l-għasfur.

Il-friegħ ta' l-ewwel sena, ta' dawn il-tliet speċi ta' Monakell ikunu jixxiebħu ħafna, u mhux faċli biex wieħed jagħrafhom jekk ma jarahomx mill-viċin jew inkella jkun jaf l-għajta tagħhom. Il-kulur tas-saqajn u dak il-faxx irqiq abjad fuq il-ġwienaħ huma l-aktar importanti meta tkun qed tosserva dawn l-agħsafar.

Skond il-liġi dawn l-agħsafar huma mħarsin iżda sfortunatament għad hawn xi kaċċaturi li xorta waħda joqtluhom għall-gost jew inkella biex iżidu l-kollezzjoni ta' agħsafar ibbalzmati.

RAYMOND GALEA.





*Monakella Prima*





*Monakella ta' saqajha suwed*